FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR. PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 22 ta' April , 2002

**Avviz Nru:1416/01 PM**

**Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. Noe**

**Vs**

**Calcidon Bilocca**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erba' mija u disa' u tletin Lira maltija (Lm413.49) rapprezentanti danni li soffrew meta z-ziemel tal-konvenut ikkawza hsarat fil-vettura RJX 247;

Ra li l-konvenut pprezenta r-rispoosta fejn qal li z-ziemel ma kkaguna l-ebda hsara u ghalhekk mhux responsabbli ghal sewqan negligenti u traskurat;

Ra r-road accident report immarkat Dok. RM;

Ra s-seduta mizmuma fill-25 ta' Frar fejn xehed Calcidon Bilocca u jiddikjara li qatt ma kien involut fl-ebda habta. Calcidon Bilocca jghid li kien ghaddej bill-mixi hdejn gaffa biz-ziemel fuq habel meta ghaddiet karozza u hareg id-driver tal-istess karozza u qal lill-Calcidon Bilocca li z-ziemel kissirlu l-karozza. Calcidon Bilocca jichad li z-ziemel tieghu qatt ghamel hsara f' din il-karozza. Ghalkemm kellu jintbaghat xi espert jew xi tabib biex jaraw iz-ziemel. Dan qatt ma kien sar;

Ra l-istess seduta tal-25 ta' Frar 2002 fejn xehed WPC 116 Rita Micallef u tiddikjara li ma kienetx investigat dan l-incident. WPC 116 tghid li min ha r-rapport huwa PC88;

Jirrizulta li s-socjeta' attrici ma gabitx provi biex turi li l-konvenut kien reponsabbli ghal xi hsara;

Ghaldaqstant It-Tribunal **jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.**

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**
**Gudikatur**